MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2007

Numru. 174/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Jeffrey Cilia)**

**v**

**Omar Abdul Karim ta’ 18-il sena iben**
**Ahmed Mansur u Spiridiona nee Busuttil**
**Imwieled il-Pieta’ nhar it-13 ta’ Frar, 1985,**
**u residenti f’Xanadu, numru 76, Triq is-Sienja,**
**Attard detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru**
**135285 (M)**

**Sean Zammit ta’ 17-il sena iben George u Emanuel**
**nee Zammit imwieled tal-Pieta’ nhar it-30 ta’**
**Novembru,**
**1986, u residenti f’Thank God, numru 46, Triq iz-**
**Zahar,**
**Attard, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru**
**544686 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Omar Abdul Karim u Sean Zammit li gew akkuzati:

(a) talli fi Triq il-Fliegu, l-Qawra limiti ta' San Pawl il-Bahar nhar is-27 ta' Frar, 2004 ghall-habta tas-1.30 p.m. ikkommettew serq ta' basket kontenenti diversi oggetti minn fuq il-persuna ta' Gerald Colin Kershaw, turist anzjan ta' 68 sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur u li sar ghad-detriment ta'l-imsemmi anzjan Gerald Colin Kershaw u martu Sheila Margard;
(b) talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanza kkagunaw feritit ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Gerald Colin Kershaw, anzjan ta' 68 sena kif gie ccertifikat mit-Tabib Christopher Spiteri;
(c) Talli fil-lejl ta' bejn is-26 u s-27 ta' Frar, 2004 f'San Pawl il-Bahar ikkommettew serq ta' diversi oggetti fosthom somma ta' Lm 300 fi flus kontanti, mobile phone ta' ghamla Nokia 3310 u cwievet mill-fond numru 41, Triq San Gwann Battista, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, valur, persuna u bil-lok u li sar ghad-detriment ta' Colin Portelli;
(d) U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, ikkommettew serq ta' vettura ta' ghamla Fiat Brava bin-numru tar-registrazzjoni ABI-142 liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm 1000), mezz, hin u xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' l-imsemmi Colin Portelli;
(e) U aktar talli nhar il-25 ta' Frar, 2004 ghall-habta tas-6.10 pm. fi Triq il-Kappillan Mifsud il-Hamrun ikkommetew serq ta' vettura ta' ghamla Renault 19 bin-numru tar-registrazzjoni CAM-972 liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jaccedi l-elf lira Maltin (Lm 1000), xorta tal-haga misruqa u hin, u li sar ghad-detriemnt ta' Abdullah Joudat minn Rahal il-Gdid;
(f) U aktar talli nhar is-27 ta' Frar, 204 ghall-habta tas-2.20 p.m. fi Fleur De Lys Birkirkara, ikkommettew serq ta' vettura ta' ghamla Peugeot 206 bin-numru tar-

registrazzjoni LEK 637, liema serq huwa kkwlaifikat bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm 1000), u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-detriment tal-kumpanija Maltacom u/jew tad-dirigenti ta' meli Garage;

(g) U aktar talli nhar it-23 ta' Frar, 2004 ghall-habta tas-6.30 p.m. fir Triq il-Kappillan Mifsud, Hamrun, ikkommettew serq ta' vettura ta' ghamla Hyundai Accent bin-numru tar-registrazzjoni CAF-703, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm 1000), u bix-xorta tal-haga misruqa, u bil-hin u li sar ghad-detriement Oscar Attard;

(h) Talli nhar il-5 ta' Jannar, 2004 ghall-habta tal-4.45 p.m. fi Triq il-Kappillan Mifsud il-Hamrun, ikkommettew serq ta' vettura ta' ghamla Mitsubishi RVR bin-numru tar-registrazzjoni HBA-547 liema serq huwa kkwalifkat bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm 1000), u xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Robert Mifsud minn Santa Venera.

(i) Talli fi Triq il-Marfa l-Ghadira limiti tal-Mellieha, nhar il-25 ta' Frar, 2004 ghall-habta tas-11.40 a.m. ikkommettew serq ta' basket kontenenti diversi oggetti minn fuq il-persuna ta' Jeanette Harrison, turista anzjana ta' 68 sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u li sar ghad-detriment ta' l-imsemmija anzjana Jeanette Harrison;

(j) Talli fi Triq il-Bajja ta' San Gorg, San Giljan, nhar il-25 ta' Frar, 2004 ghall-habta ta' 12.30 p.m. ikkommettew serq ta' basket kontenenti diversi oggetti minn fuq il-pesuna ta' Jacqueline Anne Jeffrey, turista anzjana ta' 61 sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u li sar ghad-detriment ta' l-imsemmija anzjana Jacqueline Anne Jeffrey;

(k) Talli fi Triq il-Marfa, Cirkewwa limiti tal-Mellieha nhar il-25 ta' Frar, 2004 ghall-habta tal-11.45 a.m. ikkommettew serq ta' basket kontenenti divesi oggetti minn fuq il-pesuna ta' Cathlene Jean Stevens, turista anzjana ta' 62 sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u li sar ghad-detriment ta' l-imsemmija anzjana Cathlene Jean Stevens,

(l) Talli fi Pjazza Vittoria l-Mellieha, nhar is-26 ta' Frar, 2004 ghall-habta ta' nofsinhar bil-hsieb li jikkommettu reat ta' serq ta' basket kontenenti diversi oggetti minn fuq il-

persuna ta' Iris Tudge, turist ta' 57 sena, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xihaga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghhom,

(m) talli fi Triq is-Sajjieda San Pawl il-Bahar, nhar is-26 ta' Frar, 2004 ghall-habta tas-12.30 p.m. ikkommettew serq ta' basket kontenenti diversi oggetti minn fuq il-persuna ta' Kathlene Anne Roberts, turista ta' 58 sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur uli sar ghad-detriement ta' l-imsemmija Kathlene Anne Roberts;

(n) talli fi Triq il-Kbira, Mellieha nhar is-26 ta' Frar, 2004 ghall-habta tal-12.15 p.m. ikkommettew serq ta' basket kontenenti diversi oggetti minn fuq il-persuna ta' Inge marie Hingsgaul, turista anzjana ta' 74 sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur u li sar ghad-detriment ta' l-imsemmija anzjana Inge Marie Hingsgaul;

(o) Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kkagunaw feriti natura hafifa fuq il-persuna ta' l-imsemmija Inge marie Hingsgaul, anzjana ta' 74 sena, kif iccertifkat mit-tabib Dr Saviour Borg tal-Karizia Medical Centre il-Mellieha;

(p) Talli fi Triq il-Fliegu l-Qawra limiti ta' San Pawl il-Bhaar, nhar is-27 ta' Frar, 2004 ghall-habta tas-1.30 p.m. ikkommettew serq ta' basket kontenenti diversi oggetti minn fuq il-persuna ta' Gerald Colin Kershaw, turist anzjan ta' 68 sena liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur u li sar ghad-detriment ta' l-imsemmi anzjan Gerald Colin Kershaw u martu Sheila Margard;

(q) Talli fi Triq il-Kbira tas-Sliema, nhar is-26 ta' Frar, 2004 ghall-habta tad-9.00 p.m. ikkommettew serq ta' basket kontenenti diversi oggetti minn fuq il-persuna ta' Tatjana Nikolic, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-hin u li sar ghad-detriment ta' l-imsemmija Tatjana Nikolic;

(r) Talli fi Triq il-Marfa c-Cirkewwa limiti tal-Mellieha, nhar is-26 ta' Frar, 2004 ghall-habta tad-9.00 a.m. ikkommettew serq ta' basket kontenenti diversi oggetti minn fuq il-persuna ta' Jean Elizabeth Dobbins, turista anzjana ta' 65 sena, liema serq huwa kkwalifkat bil-valur u li sar ghad-detriement ta' l-imsemmija jean Elizabeth Dobbins;

(s) Talli fi Triq Santa Maria, Mellieha nhar it-28 ta' Frar, 2004 ghall-habta tad-9.30 p.m. ikkommettew serq ta'

basket kontenenti diversi oggetti minn fuq il-persuna ta' Mary Coleiro anzjana ta' 64 sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-hin u li sar ghad-detriment ta' l-imsemmija anzjana Mary Coleiro;

(t) Talli fi Triq il-Qawra, Qawra limiti ta' San Pawl il-Bahar, nhar is-27 ta' Frar, 2004 ghall-habta tad-9.30 p.m. ikkommettew serq ta' basket kontenenti diversi oggetti minn fuq il-persuna ta' Ronald Lane, turist anzjan ta' 72 sena, liema serq huwa kkwalifkat bil-hin u li sar ghad-detriment ta'l-imsemmi anzjan Ronald Lane;

(u) Talli fi Triq il-Marfa, Marfa limiti tal-Mellieha, nhar l-1 ta' Marzu, 2004 ghall-habta tal-11.30 a.m. ikkommettew serq ta' basket kontenenti diversi oggetti minn fuq il-persuna ta' Susan Wilson, liema serq huwa kkwalifkat bil-valur u li sar ghad-detriemnet ta' l-imsemmija Susan Wilson;

(v) Talli fi Triq il-Kbira tas-Sliema, nhar it-28 ta' Frar, 2004 ghall-habta tas-6.30 p.m. ikkommettew serq ta' basket konteneneti diversi oggetti minn fuq il-persuna ta' Theresa Montfort, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u bil-hin u li sar ghad-detriment ta' l-imsemmija Thereza Montfort;

(w) Talli fi Triq Sir Adrian Dingli Tas-Sliema, nhar id-29 ta' Frar, 2004 ghall-habta tal-11.40 a.m. ikkommettew serq ta' basket kontenenti diversi oggetti minn fuq il-persuna ta' Maria Rita Jaccarini, anzjana ta' 71 sena, liema serq sar ghad-detriment ta' l-imsemmija anzjana Maria Rita Jaccarini;

(x) Talli fi Triq id-Dragonara San Giljan, nhar id-29 ta' Frar, 2004 ghall-habta tal-11.30 a.m. ikkommettew seq ta' basket kontenenti diversi oggetti minn fuq il-persuna ta' Doris Bone, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li sar ghad-detriment ta' l-imsemmija Doris Bone;

(y) Talli fi Triq it-Torri Tas-Sliema, nahr is-27 ta' Frar, 2004 ghall-habta tal-10.30 p.m. ikkommetta serq ta' basket kontenenti diversi oggetti minn fuq il-persuna ta' Carmela Grech, liema serq huwa kkwalifkat bil-hin u valur u li sar ghad-detriment ta' l-imsemmija Carmela Grech;

(z) Talli fi Triq il-Bajja ta' San Gorg San Giljan, nhar il-15 ta' Frar, 2004 ghall-habta tas-1.30 a.m. ikkommettew serq ta' basket kontenenti diversi oggetti minn fuq il-

persuna ta’ Christine Calleja, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u li sar ghad-detriment ta’l-imsemmija Christine;

(aa) Talli fi Triq ix-Xat ta’ Tigne Sliema, nhar is-26 ta’ Frar, 2004 ghall-habta tat-8.00 a.m. ikkommettew serq ta’ pjanci tar-registrzzjoni tal-vetturi bin-numru EAJ-207 minn fuq vettura Honda Civic, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriement ta’ Stephen Cauchi u Alexia Mallia;

(bb) Talli fi Triq l-Etna Mellieha, nhar it-28 ta’ Frar, 2004 ghall-habta tas-6.45 p.m. ikkommettew serq ta’ pjanci tar-registrazzjoni tal-vetturi bin-numru CFR-226 minn fuq vettura Mazda, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa u bil-hin u li sar ghad-detriment ta’ Emanuel Vella u/jew Christine Vella;

(cc) Talli fi Triq Tuffieh in-Naxxar, fil-lejl ta’ bejn it-18 u d-19 ta’ Frar, 2004 ikkommettew serq ta’ pjanci tar-registrazzjoni tal-vetturi bin-numru ZIZ-002 minn fuq vettura, liema serq huwa kkwalifkat bix-xorta tal-haga misruqa u bil-hin u li sar ghad-detriment ta’ Johan Zammit min-Naxxar;

(dd) Talli fi Triq Duminku Attard fil-lejl ta’ bejn il-25 u s-26 ta’ Frar,2004 ikkommettew serq ta’ pjanci tar-registrazzjoni tal-vetturi bin-numru SEL-011 minn fuq vettura t’ghamla Opel Corsa, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa u bil-hin li sar ghad-detriment ta’ Aaron Saliba minn H’Attard;

(ee) Akkuzati wkoll talli fix-xhur ta’ Jannar, Frar u Marzu, 2004 f’diversi lokalitajiet f’dawn il-gzejjer ghamlu uzu min-numru ta’ identifikazzjoni xort’ohra minn dawk mahrugin mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita’ Dwar it-Trasport ta’ Malta, dwar xi vetturi bil-mutur partikolari, cioe ghamlu uzu minn diversi pjanci ta’ registrazzjoji fuq vetturi li ma jappartjenux l-istess pjanci u dan bi ksur tal-artikolu 15 (1a) tal-kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(ff) U aktar talli fl-istess perjodu fuq imsemmi, f’dawn il-gzejjer sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom infushom jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija flaza, jew taw taghrif falz, billi wahhlu diversi numri foloz fuq diversi vetturi ai termini tal-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali tal-kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(gg) U aktar talli fl-istess perjodu fuq imsemmi, f'dawn il-gzejjer, ghamlu falsifikazzjoni jew ghamlu uzu minn dokument iehor falsifikat billi wzaw diversi number plates foloz fuq diversi vetturi ohra, u dan ai termini tal-artikoli 189 tal-Kodici Kriminali, kap 9 tal-ligijiet ta' Malta u tal-Artikoli 17 u 31 tar-Regolamenti ta' l-1994 Dwar il-Vetturi bil-Mutur (AL 128/1994) u tal-artikoli 15 (1b) u 18 tal-Kapitlu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
(hh) U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi f'diversi bnadi f'dawn il-gzejjer, saqu diversi vetturi minghajr licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku, u meta ma kinux koperti b'polza ta' l-assikurazzjoni ghar-riskji tat-terzi persuni.
(ii) U aktar talli fl-1 ta' Marzu, 2004 u matul ix-xahrejn ta' qabel f'dawn il-gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta, jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Rat li in vista ta' xhieda li ddeponew bil-lingwa Ngliza li l-akkuzati ddikjaraw li jifhmu bil-lingwa Ngliza (fol 19).

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali taht liema tista' tinstab htija u cioe:

Fil-konfront taz-zewg imputati;

(a) fl-artikoli 261(a)(c), 262, 267, 274, 276A, 277 u 279 tal-Kodici Kriminali
(b) fl-artikoli 214, 221 u 222A tal-Kodici Kriminali
(c) fl-artikoli 261(c)(d)(f), 267, 268, 270, 279, 280 u 281 tal-Kodici Kriminali
(d) fl-artikolu 261(b)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 270, 271, 278, 280 u 281 tal-Kodici Kriminali
(e) fl-artikoli 261(c)(f)(g), 267, 270, 271, 279, 280 u 281 tal-Kodici Kriminali
(f) fl-artikoli 261(c)(g), 267, 271, 279, 280 u 281 tal-Kodici Kriminali
(g) fl-artikoli 261(c)(f)(g), 267, 270, 271, 279, 280 u 281 tal-Kodici Kriminali

(h) fl-artikoli 261(c)(g), 267, 271, 279, 280 u 281 tal-Kodici Kriminali
(i) fl-artikoli 261(c), 267 u 279 tal-Kodici Kriminali
(j) fl-artikoli 261(c), 267 u 279 tal-Kodici Kriminali
(k) fl-artikoli 261(c), 267 u 279 tal-Kodici Kriminali
(l) fl-artikoli 41(1)(a), 261(c), 267 u 279 tal-Kodici Kriminali
(m) fl-artikoli 261(c), 267 u 279 tal-Kodici Kriminali
(n) fl-artikoli 261(a)(c), 262, 267, 274, 276A, 277 u 279 tal-Kodici Kriminali
(o) fl-artikoli 214, 221 u 222A tal-Kodici Kriminali
(p) fl-artikoli 261(c)(f), 267, 270, 279, 280 u 281 tal-Kodici Kriminali;
(q) fl-artikoli 261(c), 267 u 279 tal-Kodici Kriminali,
(r) fl-artikoli 261(c)(f), 267, 270, 279, 280 u 281 tal-Kodici Kriminali
(s) fl-artikoli 261(f), 270 u 281 tal-Kodici Kriminali;
(t) fl-artikoli 261(c), 267 u 279 tal-Kodici Kriminali;
(u) fl-artikoli 261(a)(f), 261, 270, 274, 276, 277 u 281 tal-Kodici Kriminali
(v) fl-artikoli 284 u 285 tal-Kodici Kriminali;
(w) fl-artikoli 261(c), 267 u 279 tal-Kodici Kriminali
(x) fl-artikoli 261(c)(f), 267, 270, 279, 280 u 281 tal-Kodici Kriminali
(y) fl-artikoli 261(f), 270 u 281 tal-Kodici Kriminali
(z) fl-artikoli 261(g), 271 u 281 tal-Kodici Kriminali
(aa) fl-artikoli 261(g), 271 u 281 tal-Kodici Kriminali
(bb) fl-artikoli 261(g), 271 u 281 tal-Kodici Kriminali
(cc) fla-rtikoli 261(f)(g), 270, 271 u 281 tal-Kodici Kriminali
(dd) fl-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitlu 65 tal-Ligijiet ta' Malta
(ee) fl-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali
(ff) fl-artikolu 189 tal-Kodici Kriminali
(gg) fl-artikoli 18 tal-Kodici Kriminali u 3(1) tal-Kapitlu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;
(hh) fl-artikol 334 tal-Kodici Kriminali
(ii) fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali

Rat li a folio 647 l-imputati taw il-kunsens taghhom ghal proceduri sommarji.

Din il-kawza anzi dawn il-pataflum ta' akkuzi migjbua kontra Karim u Zammit jikkoncernaw sensiela kbira ta' snatch and grab li saru fuq pedestrians. F'dawn l-isnatch and grab intuzaw varji karozzi wkoll misruqa, li fuqhom intuzaw pjanci ta' registrazzjoni wkoll misruqa minn fuq vetturi ohra.

Illi fil-fatt dawn ir-reati skattaw meta giet misruqa l-vettura Mitsubishi RVR li ghandha n-numru ta' registrazzjoni HBA-547 u hija ta' Roberto Mifsud b'dan illi wara transfer minn sid ghal iehor il-plates taghha gew jaqraw HBA-939 (vide xhieda tad-Direttur tal-Licenzji). Din il-vettura giet misruqa nhar il-5 ta' Jannar, 2004 (vide rapport a fol 657). Vide anke xhieda tas-sid Robert Mifsud a fol 126 – 131.

L-istess vettura fiha kellha anke stereo Pioneer, munit b'equaliser Kenwood, kien hemm ukoll nuccali tal-vista tas-sid.

Irrizulta li saru diversi serqiet snatch and grab b'din il-vettura li pero' fuqha kellha n-numru ta' registrazzjoni DAA-897.

Ghalhekk Clarissa Mifsud xehdet illi nhar it-13 ta' Frar, 2004 waqt li kienet Qui Si Sana ghaddiet karozza li hi rrapurtata bhala tal-marka Kia (li fil-fatt tghid fix-xhieda taghha li ma kinitx ta' dik il-marka vide fol 269). Tghid li din il-vettura kienet four wheel drive ta' kulur skur bin-numru ta' registrazzjoni DAA-897. Meta pero' ghamlet ir-rapport tal-Pulizija tal-vetturi b'dawn in-numru ta' registrazzjoni giet infurmata li dawn kienu jsejhu Ford Anglia.

Tghid li s-serqa in kwantu ghal oggetti lilha mehuda kienet ta' valur ta' cirka Lm 100.

Fil-15 ta' Frar, 2004, Hugh Attard Montalto gie misruq video camera li kellu ma' spalltu permezz ta' snatch and grab li saret minn go four wheeler Mitsubishi bin-numru ta'

registrazzjoni DAA-897. Il-camera li nsterqet kienet ghal ammont ta’ Lm 100. Din is-serqa saret gewwa l-Buskett.

Fl-14 ta’ Frar, 2004, Stafania Briffa wkoll spiccat vittma ta’ snatch and grab minn vettura four wheel drive. Serqulha handbag u l-kontenut tieghu (inkluz mobile) ghal valur komplessiv ta’ cirka Lm 100 – Lm 150. Gharfet l-ATM chit formanti parti minn dok JC a fol 288 – 289. Dan l-ATM statement instab fil-vettura Mitsubishi meta din giet migbura mill-Pulizija.

Dolores Sultana wkoll vittma ta’ snatch and grab minn xi persuna li kienet f’karozza kbira, li hi tiddeskrivi bhala “The big nice cars” (fol 382). Giet misruqa l-basket kontenenti flus u mobile Nokia 3310.

Din il-vettura cioe l-Mitsubishi nstabet fil-21 ta’ Frar, 2002 mill-Pulizija. Pero’ l-vettura kellha numru ta’ registrazzjoni ZIZ- 002.

Jirrizulta wkoll li l-pjanci DAA-897 jappartjeni l-vettura Ford Anglia, liema pjanci gew ukoll misruqa.

Il-plates bin-numru ZIZ-002 jappartjenu l-vettura Seat Cordoba propjeta’ ta’ Johann Zammit, misruqa fid-19 ta’ Frar, 2004 (fol 229).

Dawn fil-fatt ghalhekk kienu zewg number plates misruqa u mqeghda fuq vettura ohra.

Insterqu fi zmien ftit jiem zewg vetturi ohra li wkoll ghandhom sehem f’din is-sensiela ta’ reati. Ghalhekk giet misruqa Hyundai Accent registration numru CAF-703 propjeta’ ta’ Oscar Attard (vide xhieda fol 120).

Fil-25 ta’ Frar, insterqet vettura ohra ta’ Joudat Abdullah, Renault 19 CAM-972. F’din il-vettura Abdullah kellu wkoll ghodda ghal ammont ta’ Lm 150. Senjalament meta regghet insatbet il-vettura Abdullah barra li gharaf l-ghodda tieghu, gharaf ic-cavetta tal-vettura tieghu Dok I fol 203.

Gew rapportati diversi snatch and grabs ohra bi tliet vetturi ohra Hyundai, Renault u Fiat Brava.

Oscar Attard xehed illi hu nsterqitlu l-vettura Hyundai bin-numru ta' registrazzjoni CAF-703. Ikkalkula l-istess xhud li fl-istess vettura kellu oggetti li l-kontenut taghhom kien jammonta ghal valur ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm 150). Misjuba l-vettura Oscar Attard gharaf l-istess pero' xehed illi r-registration plate li kellha fuqha ma kienx taghha.

Issa jirrizulta li meta l-Hyundai Accent giet fil-fatt misjuba mill-Pulizija kellu plate bin-numru ta' registrazzjoni CFR-226. Dawn il-pjanci kienu jappartjenu vettura Mazda u gew misruqa mill-Mellieha (vide xhieda ta' Charles Fenech).

Darba misjuba mill-vettura Hyundai gew elevati mill-Pulizija s-segwenti oggetti Dok GCK li huwa basket iswed bil-logo 'Head', zewg paper napkins tal-Paradise Bay Hotel u karta tar-Rennies vojta Dok JED, mobile phone Nokia, first aid kit, sun protectiong lotion, two memory cards ta' camcorder, digital camera Olympus u haversack ukoll Dok JC1.

Ghalhekk Gerald Colin Kershaw u martu Sheila Margaret Kershaw it-tnejn xehdu (kemm fl-identity parade kif ukoll viva voce quddiem din il-Qorti) illi huma kienu vittmi ta' snatch and grab. Tant li, t-tnejn jirrakontaw illi xi hadd minn go karozza gibidlu l-haversack ta' Gerald, hu baqa' jzomm l-istess u ghalhekk spicca mkaxkar waqt li l-vettura baqghet tinstaq. Spicca fil-fatt sofra ferita ta' natura hafifa vide certifikat Dok A.

Kershaw xehed illi hu identifika fl-identity parade il-persuna li kienet qed iggor in-numru tlieta bhala aggressur tieghu.

Identifika wkoll il-knapsack gia mmarkat bhala Dok GCK bl-oggetti fih misjuba.

Viva voce Kershaw reggha identifika l-persuna li fl-identity parade kienet qed iggor in-numru tlieta u ghalhekk gie muri Dok JC 27 (fol 26). Ikkonferma wkoll il-griehi li sofra Dok JC3 (1-4) (fol 26).

Ghandu jigi rilevat li l-persuna kienet qed iggorr in-numru tlieta fl-ID parade ma kien hemm hadd ghajr l-akkuzat Omar Abdul Karim.

Martu Sheila Margaret Kershaw ikkonfermat is-snatch and grab, gharfet ukoll il-knapsack li giet misruqa. Senjalament gharfet ukoll fl-ID parade il-persuna li kienet qed iggorr in-numru 3.

Ghandu jigi mfakkar illi n-knapsack in kwistjoni huwa dak li nstab gol-vettura Hyundai.

Jean Elizabeth Dobbins ukoll xehdet dwar is-snatch and grab li sofriet. Gharfet fl-identity parade ukoll il-persuna li kien qed igorr in-numru tlieta. F'din is-serqa hadulhom il-basket u l-kontenut tieghu fosthom paper napkin bil-logo tal-Paradise Bay Hotel, sachet tar-Rennies immarkati bhala Dok JED, gia misjuba gol-Hyundai Accent.

Suzanne Wilson xehdet illi hija sofriet snatch and grab f'Marzu gewwa l-Mellieha. Rat fil-fatt karozza ssuq l-hemm minnha u zewgha bil-basket taghhom. Tat deskrizzjoni tal-kontenut.

Hi ghalhekk identifikat oggetti formanti parti Dok JC1. Tat stima konservattiva ta' dawn l-oggetti ta' anke 400 sterlina.

Anke dawn id-dokumenti gew elevati mill-Hyundai gia msemmija.

L-istess identifikazzjoni ta' l-oggetti saret minn zewgha Leslie Wilson.

Nikolic Taliana u zewgha George ukoll sofrew snatch and grab aktarx bil-karozza tal-ghamla Hyundai bl-ittri tan-numru ta' registrazzjoni skondtha IAN u skond zewgha

IEM. Gharfet Taliana minn Dok M, cioe set ritratti ta' l-oggetti misjuba fil-Hyundai Accent, mobile Nokia u ID card taghha fost l-ohrajn.

Doris Bone xehdet li hi wkoll sofriet snatch and grab, din id-darba il-vettura kienet tal-marka Fiat Bravo. Tghid li n-numru tar-registrazzjoni gia moghti lilha minn terza persuna u li hi ghaddietu lill-Pulizija ftit minuti wara. Dana kien ABI-142. Vide f'dan ir-rigward ix-xhieda ta' PC 1244 fol 558 – 559 u r-rapport minnu redatt wara r-rapport ta' Bone dwar is-serqa (fol 560 – 562 Dok NS). Giet murija ghalhekk id-Dok K, li juru zewg mobile phones elevati mill-garaxx fejn kien jghix Sean Zamit. Hi gharfet il-mobile taghha, anke esebiet il-garanzija ta' l-istess esebita bhala Dok Q (fol 152). Dan kien jiswa Lm 50. F'dan l-isnatch and grab insterqilha nuccali ghal valura ta' Lm 60.

Maria Coleiro wkoll sofriet snatch and grab minn xi persuna li kienet go karozza misjuqa. Hi la gharfet il-vettura u lanqas in-numru ta' registrazzjoni taghha. Gharfet pero' l-oggetti murija fir-ritratti Dok M (kontenut tal-Hyundai) oggetti li kienu fil-basket taghha, bhal tickets tas-Super Five, pettne u cwievet ta' vettura Toyota. Xehdet ukoll illi fil-handbag misruq kellha wkoll curkett antik ghal valur ta' Lm 350 li pero' ma nstabx. Fl-istess handbag kellha wkoll mobile Nokia li pero' gie ritornat lura u flus ghall-valur ta' cirka Lm 40.

Vittma ohra ta' snatch and grab hija Teresine Montfort. Din saret fit-28 ta' Frar, 2004 hdejn Stella Maris. Din ix-xhud gharfet lil Omar Karim bhala l-persuna li effettwa dan l-isnatch and grab. Baqghet insistenti in kontroezami fuq l-identifikazzjoni, insistiet illi hi kienet qed taghraf lill-akkuzat minn ghajnejh.

Maria Rita Iaccarini wkoll vittma ta' snatch and grab gewwa tas-Sliema fid-29 ta' Frar, 2004. Din is-sinjura gharfet il-vettura li biha saret din is-serqa bin-numru ta' registrazzjoni ABI 142. Din is-sinjura ma rkuprat xejn mis-serqa, anke l-ammont lilha misruq kien wiehed irrisorju certament taht il-mitt lira Maltin.

Christine Calleja hija vittma ohra ta' snatch and grab li grat f'San Giljan fil-15 ta' Frar, 2004. Anke l-ammont ta' l-oggetti u flus misruqa fil-kaz ta' din ix-xhud ma kienx wiehed gholi. Pero' din ix-xhud kienet, mumenti wara s-snatch and grab, ghaddiet in-numru ta' registrazzjoni tal-vettura nvoluta lill-Pulizija. Ghalhekk f'dan ir-rigward insibu li fix-xhieda ta' l-Ispettur Jeffrey Cilia a fol 660 Dok JC1. In-numru ta' registrazzjoni moghti kien ghalhekk DAA-897. Allura l-plates misruqa tal-Ford Anglia.

L-istess xhud partecipanti fl-ID parade gharfet fl-istess u kkonfermat fl-awla seduta stante li l-aggressur taghha kien l-akkuzat Omar Karim.

Carmen Grech vittma ohra din id-darba fis-27 ta' Frar, gewwa tas-Sliema. Il-valur tas-serqa li sofriet kien jeccedi s-somma ta' Lm 100. Ma kinitx certa din ix-xhud dwar l-oggetti li nstabu gol-vettura, murija lilha biex tidentifikahom.

Bniedem iehor vittma ta' serq, b'xejra differenti huwa certu Colin Portelli. Dan ix-xhud fil-fatt jirrakkonta illi hu kien qed jixrob go bar gewwa H'Attard, kien is-27 ta' Frar. Hemm iltaqa' ma' zewg guvintur, stieden lil dawn id-dar tieghu. Jghid li sakemm dahal ibiddel f'common clothes, dawn hadulu c-cwievet tal-vettura tieghu, Fiat Brava ABI-142. Hadulu wkoll Nokia 3310 u flus fl-ammont ta' Lm 300. Jghid ukoll li fil-fatt hu meta mar biddel marret ghajnejh bih u sab kollox nieqes meta qam. Identifika dawn iz-zewg mistieden li kellu d-dar meta gie derubat bhala z-zewg akkuzati.

Antonio Schembri wkoll sofra serqa ta' van Peugeot, li pero' gie mal-ewwel rintraccjat minhabba d-Data Track system. Dan gara fis-27 ta' Frar, 2004. Pero' c-cavetta ta' din il-vettura nstabet fuq il-persuna ta' Sean Zammit, vide Dok I, J. Fil-fatt dan ix-xhud identifika din ic-cavetta mir-ritratti lilu murija (vide fol 219).

Stephen Cauchi sofra serqa tan-number plates tal-vettura tieghu Honda Civic, dawn il-plates igibu n-numru ta' EAJ-207. Din is-serqa saret minn H'Attard.

Johan Zammit ukoll sofra serq ta’ registration plates, din id-darba bin-numru ZIZ-002. Din is-serqa grat gewwa in-Naxxar.

L-istess Aaron Saliba, fis-26 ta’ Frar, 2004. Din id-darba l-plates kienu jappartjenu Opel Corsa u jgibu n-numru ta’ SEL-001. Emanuel Vella wkoll sofra serq tan-number plates tal-vettura tieghu, din kienet Mazda bin-numru ta’ registrazzjoni CFR-226.

Dwar l-irkupru tal-vettura u kif inqabdu l-akkuzati tressqu s-segwenti xhieda. PC Gabriel Micallef xehed li fuq struzzjonijiet ta’ tfittxija ta’ vettura hu waqqaf Toyota bajda bin-numru ta’ registrazzjoni QON-111. F’din il-vettura nstabu tnejn Maltin u persuna ta’ nazzjonalita’ Libjana. Iddistingwa wiehed minnhom bl-isem ta’ Omar Abdul Karim. Jghid ukoll li hu ghamel frisk search fuq din il-persuna u fuq Karim sab li f’idu kien qed izomm cavetta ta’ karozza Peugeot. Gharaf lil Karim bhala Libjan prezenti fl-Awla, gharaf ukoll lil Zammit bhala wiehed mill-Maltin l-iehor. Waqt din is-search Karim innega li c-cavetta kienet tieghu.

PC 1074 Luke Stivala xehed li hu kien involut fit-tfittxija ta’ vettura Hyundai, individwata l-istess vettura, dan il-kuntistabbli gharaf ix-xufier tal-vettura Hyundai bhala l-imputat Omar Abdul. In-numru ta’ registrazzjoni tal-vettura kien CFR-226.

PS 836 Alexander Taliana xehed dwar il-mod kif ikkopera mal-pulizija Omar Abdul Karim fil-kors ta’ l-investigazzjoni. Fil-fatt dan il-ko akkuzat kien indika lill-Pulizija fejn kienu thallew il-vettura Renault 19 bin-numru ta’ registrazzjoni CAM-972 u l-vettura Fiat Brava bin-numru ta’ registrazzjoni ADI-142. Esebixxa wkoll rapport minn fejn jirrizulta illi wiehed mill-mobiles li nstab f’wahda minn dawn il-vetturi kien propjeta’ ta’ certu Anthony John Harrett ukoll vittma ta’ snatch and grab (vide Pirs rapport Dok AT a fol 404-408).

PC 805 Jospeh Galea xehed illi hu flimkien ma' shabu ufficjali tal-Korp kienu nnutaw il-Hyundai misruqa u zammu ghassa maghha. Jghid li ra tlieta min-nies, tnejn minnhom rikbu go vettura Toyota QON-111. Gharaf wiehed minn dawn in-nies bhala l-imputat Sean Zammit. F'dan il-kuntest xehed ukoll PC 631 Jospeh Ciappara. Anke huwa tkellem fuq tliet persuni li raw vicin il-Hyundai u li rikbu fil-vettura QON-111. Gharaf lil wiehed minnhom bhala certu Alan Magro. Meta intercettaw din il-vettura, tat-tip Toyota Corsa fiha nstabu wkoll Sean Zammit u Omar. Dan il-kuntistabbli effettwa search fuq l-imputat Sean Zammit fuqu sab cavetta li tappartjeni vettura Hyundai Accent u ohra ta' vettura Fiat Brava.

PC 1337 Kevin Curmi wkoll jitkellem dwar il-fatt li hu flimkien ma' shabu intercettaw vettura Toyota Tercell. Minn go fiha inhargu tliet persuni, wiehed minnhom Sean Zammit. Saret search fuq il-persuna tieghu u dan ix-xhud jghid li eleva cwievet ta' vettura Hyundai u ohrajn ta' Fiat. Gharaf l-istess mir-ritratti Dok J.

Xehed anke l-Ispettur Stephen Mallia, li tkellem dwar search li ghamel f'garaxx ta' certu Alan Magro, fejn anke kien qed jghid Sean Zammit. Hawn instabu zewg mobile phones li skond dana Magro kienu ta' Sean Zammit (vide f'dan ir-rigward dak li qal l-istess Zammit fl-istqarrija tieghu dwar l-istess mobiles). Mill-provi fil-fatt jirrizulta li wiehed mill-mobiles hawn misjuba huwa ta' Doris Bone li kif gia espost ukoll sofriet snatch and grab.

In ezami ta' dawn in-numru kbir ta' serqiet jinhtieg li jigi wkoll ezaminat dak li qal il-ko imputati kemm fi stadju ta' stqarrija, dejjem il-prova regina, u fil-kaz ta' Abdul Karim dak li hu ghazel li jghid viva voce quddiem din il-Qorti.

Il-Qorti se tibda taghmel succint ta' dak li qal Sean Zammit fi stadju ta' interrogatorju in kontrast, ghax fil-fatt jezisti dan il-kuntrast ma' dak li rrizulta mill-atti processwali voluminuzi, ghax voluminuzi huma l-akkuzi.

Fl-istqarrija tieghu (Dok SZ fol 104-109) Zammit, kif kien id-dritt tieghu, qal ftit pero' ma jfissirx li l-ftit li qal ma jistax

iwassal lil din il-Qorti ghal konkluzjoni lil hinn minn dubju ddettat mir-raguni. Ghazel li ma jaghtix spjegazzjoni ghala nstabu fuqu c-cwievet ta’ zewg mill-vetturi misruqa, cioe l-Hyundai Accent u Fiat Brava. Dwar il-kumplament tas-serq lilu addebitat fl-akkuzi, hu jew ma wiegeb xejn jew wiegeb fin-negattiv, anzi nnega li kif xehdu l-kuntistabbli li nstabu l-imsemmija cwievet fuqu.

Sean Zammit innega wkoll xhieda ta’ persuna li giet direttament in kuntatt mieghu, tant li anke kien mistieden go daru, cioe dak li qal Colin Portelli u s-serq li gie lilu addebitat f’dan ir-rigward. A fol 108 ta’ l-istqarrija tieghu Zammit jinnega li hu ghandu “mobile phone” . Pero’ mistoqsi dwar zewg mobile phones li nstabu gol-garaxx ta’ Alan Magro, fejn hu cioe Zammit kien qed jghix, wiegeb li dawn kienu tieghu, wiehed minnhom in partikolari rrizulta li kien tad-derubata, Doris Bone, li kif gia espost ukoll hi vittma ta’ snatch and grab.

Issa certament illi Sean Zammit qatt ma gie ndividwat minn ebda xhud fl-identity parade, ghalhekk qatt ma kien direttament individwat bhala l-pesuna li kkommettiet dawn is-sensiela ta’ snatch and grabs. Ix-xhieda gia esposti kollha ndividwaw fl-identity parade, dawk li fil-fatt individwaw lil xihadd, lill-ko akkuzat Omar Abdul Karim. Ovvjament dak li stqarr Karim fil-konfront ta’ Zammit mhux ammissibli bhala prova.

Certament irrizulta bla dubju ta’ xejn illi Zammit kien ghal kollox kopartecipi fis-serqa li sofra Colin Portelli. Daqstant iehor huwa ppruvat illi Zammit kellu fil-pussess tieghu (ammess minnu fl-istqarrija ) il-mobile ta’ Doris Bone. Ghalkemm innegat minnu, certament kien fuqu l-pussess tac-cwievet ta’ zewg vetturi misruqa. Ghalkemm mhux tenut iwiegeb xejn fuq dan, Zammit ghazel li jgiddeb din is-sejba li fuqha xehdu l-pulizija. Wiehed irid jiftakar ukoll illi Sean Zammit instab gol-vettura Toyota flimkien mal-ko akkuzat Karim u Alan Magro. Senjalament wiehed ghandu jqis ukoll dak li kkonkluda Joseph Mallia, finger print expert nominat minn din il-Qorti. Ghalhek Joseph Mallia wasal ghall-konkluzjoni illi l-impronta li tidher fuq l-ircevuta fiskali Dok 04 AMT 206 B

dokumentata bhala Dok 04 AMT 303 giet komparata u identifikata illi giet maghmula mill-marka tas-

sebgha tan-nofs ta' l-id il-leminija ta' Sean Zammit vide Dok JM a fol 716. Issa jekk wiehed ihares lejn ir-relazzjoni prezentata minn PS 36 Sergio Azzopardi (a fol 690, Dok SA) issib illi d-dokument imsemmi fir-relazzjoni ta' Joseph Mallia huwa parti minn tliet ircevuti elevati u misjuba fil-vettura Mitsubishi RVR li pero' kellha numru ta' registrazzjoni ZIZ-002, plates li wkoll huma misruqa. Gia gew esposti n-numru kbir ta' serqiet snatch and grab li saru bl-imsemmija vettura.

Min-naha tieghu Omar Abdul Karim kien ferm aktar ko-operanti mal-Ufficjali tal-Pulizija. Fil-fatt hu ammetta diversi serqiet fi stadju ta' interrogatorju, irregistra ammissjoni aktar limitata quddiem din il-Qorti u sahansitra ghen lill-Pulizija billi hadhom anke fil-lokalita' fejn kienu jinsabu l-vetturi misruqa Fiat Brava u Renault.

Ghalhekk fl-istqarrija tieghu Karim ammetta snatch and grab mill-vettura Hyundai gewwa l-Mellieha fejn ha haversack ta' ragel miexi ma' martu. Jghid li kien hu li gibed il-haversack. Ghalhekk hawn ammetta l-akkuza bl-ittra u.

Ikkonferma wkoll kif gew imwaqqfa mill-pulizija hu, Zammit u Alan Magro meta kienu fil-vettura ta' l-istess Magro.

Innega li darba mwaqqfa mill-pulizija, li f'idu nstabet ic-cavetta tal-vettura Peugeot misruqa kif xehdu l-pulizija. Innega li seraq l-istess Peugeot.

Ammetta l-partecipazzjoni tieghu fis-serq tal-vettura Fiat Brava. Ammetta wkoll il-partecipazzjoni tieghu fil-konfront tas-serqa mir-residenza ta' Colin Portelli. Ammetta ghalhekk l-akkuzi bl-ittra c u d.

Jammetti s-serq bil-Hyundai Accent, Fiat Brava u bir-Renault 19. Jinnega li hu qatt wettaq serq b'RVR anzi li qatt rikeb f'din il-vettura.

Jammetta l-partecipazzjoni tieghu fis-segwenti serqiet:

Serqa ta' basket minn fuq ragel go Triq l-Imtarfa Mellieha nhar il-25 ta' Frar, 2004 – ghalhekk jammetti s-serq bl-ittra k.

Serqa ta' basket minn fuq mara go Triq il-Bajja San Gorg San Giljan nhar il-25/02/04 ghalhekk ammetta s-serqa bl-ittra j.

Serqa ta' basket minn fuq ragel go Triq il-Marfa Mellieha, nhar il-25 ta' Frar, 2004 – ammetta akkuza numru i Harrison (?).

Serqa ta' basket minn fuq mara go pjazza Vittorja, Mellieha nhar is-26/02/04 – ammetta ghalhekk l-akkuza bl-ittra l.

Serqa ta' basket minn Triq is-Sajjied, San Pawl il-Bahar 26/02/04 – ammetta ghahekk l-akkuza bl-ittra m

Serqa ta' basket minn fuq mara go Triq il-Kbira Mellieha nhar 26 ta' Frar, 2004 ammetta ghalhekk is-serqa bl-ittra n.

Serqa ta' basket min fuq mara fi Triq il-Kbira, Sliema 26 ta' Frar, 2004 ammetta ghalhekk l-akkuza bl-ittra q.

Ammetta wkoll l-akkuza bl-ittra r, dik bl-ittra p, dik bl-ittra s, dik bl-u, bl-ittra v, bl-ittra w, bl-ittra x, bl-ittra y.

Ammetta wkoll illi fil-maggorparti l-oggetti li nstabu gol-vettura Hyundai kienu frott tas-serqiet minnu mwettqa.

A kontrarju ta' dak li stqarr u ammetta Karim fl-istqarrija tieghu, fis-seduta tal-22 ta' Marzu, 2006 huwa rregistra ammissjoni ghall-akkuzi d, e u g.

Viva voce Omar Abdul Karim reggha ammetta s-serq tal-vetturi Fiat, Renault u Hyundai. Bir-ragun ghalkemm jammetti li saru serqiet ohrajn ta' basktijiet, pero' ma ftakarx liema kienu. Hawn il-Qorti tghid bir-ragun tenut kont taz-zmien li ghodda minn meta gew kommessi dawn is-serqiet kollha. Fil-fatt fir-rigward ta' kemm-il basket seraq, jghid xi sitta jew sebgha.

Pero' donnu meta Karim xehed viva voce hu pprova jimminimizza dak gia minnu ammess fl-istqarrija, nesa (fl-opinjoni ta' din il-Qorti) li hu gie identifikat minn diversi vittmi, identifikat b'mod li f'moh il-Qorti ma jhalli ebda dubju dwar l-agent ta' dawn is-snatch and grab:

Varji kienu l-vittmi li ppartecipaw fl-identity parade li saret wara dawn is-sensiela ta' serqiet. Ghalhekk in vista ta' tali identifikazzjoni tqis l-akkuza bl-ittra a u dik bl-ittra b it-tnejn pruvati (vide fil-konfront ta' l-akkuza b anke c-certifikat mediku Dok A a fol 112). Mill-identifikazzjoni ta' Jean Elizabeth Dobbins tqis l-akkuza bl-ittra r bhala pruvata. Tqis bhala pruvata in kwantu ghax-xhieda tal-konjugi Wilson pruvata bhala l-akkuza u, Teresin Montfrot ukoll gharfet lil Karim bhala l-perpetratur ta' l-isnatch and grab li taghha hi spiccat vittma, ghalhekk hija wkoll pruvata l-akkuza bl-ittra v. L-istess Christine Calleja partecipanti fl-ID parade, gharfet lil Karim bhala l-aggressur taghha, ghalhekk il-Qorti tqis pruvata anke l-akkuza z.

Dwar il-htija fil-konfront ta' Sean Zammit hija konvinta mill-htija tieghu fir-rigward tas-serqa li saret a dannu ta' Colin Portelli ta' Doris Bone u tal-vetturi Hyundai u Fiat, kif ukoll hati ta' l-akkuza ta' falsifikazzjoni in kwantu ghall-plates uzati fuq dawn il-vetturi. Hati wkoll that l-artikolu 334 in kwantu kellu fil-pussess tieghu, fil-vettura lilu gia addebitat furtiva li gejja minn serq u li almenu fil-konfront ta' oggett minnhom halla anke impronta digitali tieghu.

Ghaldaqstant issibu hati ta' l-akkuzi kkontemplati taht il-paragrafi c, d, g, x, ee, ff, gg, hh, u dan wara li rat l-artikoli 188, 189, 261, 267, 268, 270, 271, 279, 280, 281, 263, 264, 265, 266, 278, 334 tal-Kapitlu 9.

Tilliberah mill-akkuzi l-ohra kollha lilu addebitati in kwantu ma gewx pruvati fil-konfront tieghu.

Fil-konfront ta’ Omar Abdul Karim issibu hati ta’ kull serq li kif gia premess gie identifikat fiha, ta’ kull serqa minnu gia ammessa fl-istqarrija kif ukoll viva voce, ta’ ricettazzjoni in kwantu li kellu fil-pussess tieghu, fil-vettura misjuba ammont kbir ta’ res furtiva u ta’ falsifikazzjoni in kwantu ghal uzu ta’ plates mhux appartenenti l-vetturi li kien fuqhom u cioe ta’ l-akkuzi a, b, c, d, I, j, k, l, m, n, q, r, s, u, v, w, x, y, z, ee, ff, gg, hh u dan wra li rat l-artikoli 41, 188, 189, 214, 221, 222A, 261, 262, 267, 274, 276A, 277, 279, 280, 281, 284, 285, 344 ilkoll tal-Kapitlu 9.

Tilliberah mill-akkuzi lilu l-ohra addebitati in kwantu ma jirrizultawx.

Dwar il-piena rat iz-zewg social reports redatti minn Trevor Calafato Dok TC1 u TC2 (fol 303 – 355).

Rat miz-zewg rapport illi z-zewg akkuzati ghandhom fil-fatt attitudni ferm negattiva lejn l-awtorita’. Frankament xejn mis-social Inquiry Report ma jispjega, jiggustifika jew b’xi mod jattenwa l-azzjonijiet ta’ l-akkuzati. Ovvjament fil-kaz ta’ Omar Karim l-ammont ta’ reati pruvati huma allarmanti specjalment ta’ eta’ daqshekk zghira. In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti tat piz ukoll ghall-fatt illi kien aktar (pero’ mhux ghal kollox) koperattiv mal-pulizija, tant li anke hadhom u wriehom fejn kienu jinsatbu zewg vetturi misruqa. Ghaldaqstant wara li rat ukoll l-artikolu 17 u 31 tal-Kapitlu 9 qeghda tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sitt snin li minnhom ghandu jitnaqqas l-arrest preventiv.

Min-naha l-ohra r-reati li Sean Zammit gie misjub hati huma ferm anqas u dan ghaliex qatt ma jista’ jinghata piz ta’ dak li xehed il-ko akkuzat fil-konfront ta’ ko akkuzat iehor.

Certament Zammit ma kien xejn koperattiv mal-pulizija a kontrarju ta’ Karim pero’ min-naha tieghu igawdu l-beneficcju ta’ l-eta tieghu meta kkommetta r-reati li

taghhom gie misjub hati.  Ghaldaqstant rat ukoll l-artikolu 17, 37, 31 tal-Kapitlu 9 qeghda tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sentejn li minnhom ghandu jitnaqqas l-arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------